## TIBŻAX

*Tibżax, ħabib, wara s-sħabiet dalmija*
*lewn il-kubrita,*
*hemm sema nir, bla nikta.*

*Tibżax, ħabib, minn sema wieħed tfaqqa'*
*sajjetta,*
*u tisreġ l-oħla xmejxa fil-Libiena;*
*kif ġo ħamrija waħda*
*hemm ħdejn xulxin ġilju sabiħ w għolliqa.*

*Għada dalwaqt iżernaq,*
*għada jkun l-ewwel jum ta' ħajja ġdida,*
*għada tibda Rebbiegħa dejjemija.*

10.xi.54 Victor Cilia

## ~~BIKJA~~

~~*Ruħi bla tama,*~~
~~*qalbi nixfitli bħal ħamrija għatxana*~~
~~*taħt ix-xemx tikwi ta' Awwissu tagħna.*~~

~~*Ġismi bla ħila,*~~
~~*li kieku jrid jagħmel xi ħaġa siewja*~~
~~*iżda kull darba jsib nies qalbhom iebsa.*~~

~~*Nixtieq*~~
~~*il-ġwienaħ ta' farfett, ħfief, bajdanija*~~
~~*biex nigri ġol-widien u għoljiet ġeblija,*~~

~~*Hemmhekk*~~
~~*fejn l-id qerrieda tal-bnedmin għajjura*~~
~~*għadha ma messet xejn mill-ewwel sura,*~~

~~*Nixtieq*~~
~~*ta' rożinjol, fil-leħen, dik il-ħlewwa*~~
~~*biex l-għanja tidwi fis-sigħat lejlija.*~~